Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 5/2018

**Vincent Spiteri (appellat)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellant)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. B'decizjoni tal-20 ta' Frar, 2018 l-Arbitru hassar id-decizjoni tal-intimat tad-29 ta' Awissu, 2015 li biha cahad l-applikazzjoni tar-rikorrent sabiex jinghata pensjoni tal-eta' minhabba li ma kienx sodisfatt li l-kapital tieghu ma jeccedix dak impost mil-ligi. L-Arbitru qal li:

   *"… wara li ezamina d-dokumenti pprezentati u analizza x-xhieda moghtija kemm mill-appellant u wliedu, mhuwiex konvint illi l-appellant ghandu kapital li jeccedi l-iskala stabbilita mil-Ligi".*

2. B'rikors prezentat fit-23 ta' Marzu, 2018 l-intimat appella mid-decizjoni. L-aggravju hu li l-Arbitru aghmel apprezzament hazin tal-provi. Hu jsostni li l-Arbitru kellu jikkonkludi li r-rikorrent kellu kapital li jeccedi l-iskala massima stabbilita mil-ligi u ghalhekk jichad l-appell.

3. L-intimat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. **<u>Fatti</u>**.

   i. B'kuntratt tas-27 ta' Ottubru, 1982 ir-rikorrent xtara l-fond 155, Sqaq numru 1, Triq il-Kbira, Zabbar.
   ii. Ir-rikorrent hu legalment separat minn ma' martu.
   iii. Il-fond li kien xtara kien twaqqa' u minflok inbena blokk ta' appartamenti u numru ta' garaxxijiet.
   iv. Sal-lum ir-rikorrent ghadu sid tal-garaxx numru 3, li skont stima tal-perit Randolph Bartoli tas-27 ta' Lulju, 2017 ghandu valur ta' €35,000.
   v. L-intimat isostni li r-rikorrent ma kienx infurmah li hu sid tal-imsemmi fond. Peress li l-fond gie stmat li ghandu valur ta' €35,000, il-kapital tar-rikorrent jeccedi s-somma ta' €14,000.
   vi. F'dikjarazzjoni guramentata r-rikorrent qal li l-fond hu ta' ibnu Marco Spiteri ghaliex kien hu li hadem hafna sabiex sar l-izvilupp. Fil-fatt f'ittra legali datata 14 ta' Novembru, 2017 li ntbaghtet lill-Ufficcju tal-

Arbitru, ir-rikorrent rega' tenna li, *"Dan il-garage huwa pero' proprjeta ta' iben l-iehor tal-klijent taghna Marco Spiteri li qieghed juzah u jokkupah. Dan huwa hekk ghax il-missier huwa debitur lejn l-iben ghal somom ohra ta' debitu"*.

5. Ghal finijiet tal-kalkolu tal-mezzi, l-ewwel paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jipprovdi li:-

   *"…. għandhom jitqiesu kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l- Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima,* ***meta l-limiti*** *indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda* ***jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħata Pensjoni tal-Età*** *jew Allowance għal Carer skont il-każ,* ***għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni****:*

   *Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu* ***fil-kalkolu tal-mezzi €14,000 fil-każ ta' persuna waħedha*** *jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa".*

6. Mid-decizjoni tal-intimat u d-difiza li ressaq quddiem l-Arbitru, hu evidenti li t-tezi tieghu kienet li l-kapital tar-rikorrent kien jeccedi s-somma ta' €14,000 u mhux ghaliex ir-rikorrent kien cahad lilu nnifsu minn xi immobbli sabiex ikollu jedd ghall-pensjoni tal-eta'. Ghaldaqstant it-trasferiment ta' proprjeta mill-1982 sal-2004 mhumiex rilevanti ghal finjiet ta' dawn il-proceduri. M'ghandux ikun li fl-istadju tal-appell jitressqu argumenti godda li l-Arbitru ma kellux l-opportunita' jiddeciedi dwarhom ghar-raguni li ma jkunux saru f'dak l-istadju.

7. Mid-disposizzjoni hawn fuq riprodotta, hu evidenti li persuna wahedha li ghandha proprjeta (mhux inkluz id-dar ta' residenza) b'valur ta' iktar minn €14,000, titqies li mhijiex intitolata ghall-pensjoni.

8. Wara li l-qorti qrat l-atti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Arbitru. Hu car daqs il-kristall li l-garaxx hu proprjeta tar-rikorrent u hadd iktar. Hu minnu li r-rikorrent qal li jrid jaghtih b'donazzjoni lill-ibnu Marco. Pero' jibqa' l-fatt li l-proprjeta ghadha ma gietx trasferita. It-trasferiment tal-proprjeta ssir mhux bil-kelma imma permezz ta' kuntratt pubbliku.

9. Inoltre, lanqas ma ngiebet prova tat-total ta' flus li suppost hallas Marco Spiteri mid-dejn li Ivan Spiteri ghandu mal-Bank of Valletta plc sad-data tad-decizjoni tal-intimat. Self li skont in-nota ta' insinwa prezentata kien ta' Lm10,000 (€23,293.73). Hu minnu li Ivan Spiteri xehed li huh Marco kien ilu

jhallas is-self ghal seba' snin. Pero' m'hemmx prova cara dwar is-somma li thallset matul dawk is-seba' snin. L-uniku rendikont li pprezenta ir-rikorrent kien datat 30 ta' Dicembru, 2017 u jirreferi biss ghal dik is-sena. Marco Spiteri mistoqsi mill-Arbitru *"b'kollox kemm tkun hallast ?"*, wiegeb *"ara xi 8,000 maltin, ghax ilni nhallas seba' snin"*. Ukoll jekk dan hu minnu, mehud in konsiderazzjoni l-istima tal-perit Bartoli l-kapital xorta jaqbez il-massimu ta' €14,000.

10. Tant il-fond hu l-proprjeta tar-rikorrent li kien hu li iffirma bhala garanti sabiex ibnu Ivan Spiteri fi Frar, 2002 ha self minghand il-Bank of Valletta plc. Fil-fatt ir-rikorrent hu garanti *in solidum* ghall-ibnu, u ta lill-bank ipoteka specjali fuq l-istess fond.

11. Marco Spiteri xehed li d-dejn ta' huh mal-Bank of Valletta plc, qieghed ihallsu hu. Dan il-fatt wahdu m'huwiex bizzejjed. S'issa l-fond ghadu proprjeta tar-rikorrent u ta' hadd iktar. Ghaldaqstant, l-intimat aghmel sew meta cahad l-applikazzjoni tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-20 ta' Frar, 2018 u tichad l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-intimat tad-29 ta' Awissu, 2017. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-intimat Spiteri.**

Anthony Ellul.